MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Numru. 855/2003

PULIZIJA
SPETTUR SHARON TANTI
VS
PATRICK CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Patrick Caruana ta' 23 sena, bin Anthony u Rita imwielda Sammut imwieled Pieta fl-10 ta' Ottubru 1979, li joqghod 81, Triq Misrah il-Barrieri, Msida, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 485679M talli f'Lulju u f'Awissu tas-2003, fl-Imsida u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

a. b'eghmil zieni ikkorrompa lil Franklyn Sghendo ta' 14 il-sena, Kirsten Brincat ta' 14 il-sena u Dione Bouvet ta' 15 il-sena,

b. ecita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' l-istess minorenni imsemmija aktar il-fuq.

c. Ikkommetta diversi attentati ghall-pudur fuq l-istess minorenni imsemmija aktar il-fuq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputati hati skond l-akkuza u wara li rat Art 203 tal-kap 9, u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqighed lill-imputat that ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina probation officer ghall-imputat.

In oltre il-Qorti tqieghed lill-imputat taht garanzija ta' Lm100 ghal sena bl-obbligazzjoni li l-imputat ma jkellimx, ma javvicinax u ma jmissx lil Franklyn Sghendo u lil Kirsten Brincat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------